*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 38**

**It-Tlieta 21 ta' Ġunju 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**38.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**38.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 37 li saret Nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2022:</u>***

**38.2.1.1 Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**38.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 37 li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2022.</u>***

**38.2.2.1** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 37.2.2.1 qal illi l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon bgħatet MOU li kien ġie iffirmat mal-Cleansing u Maintenace Division. Irrizulta li kien qed isir kollox barra *sanitizing* peress li numri tal-Covid ma baqgħux daqstant allarmanti.

Inzerta li dan tqajjem ukoll meta saret il-laqgħa mal-Ministru l-Onor Owen Bonnici fejn kien hemm prezenti il-Kunsilliera is-Sur John B Camilleri is-Sur Charlo Mifsud u s-Sinjura Maryrose Mifsud. Fil-fatt is-Sindku informa l-Kunsilliera li l-Ministru kien avzah illi ser jibda jkollna ukoll zewġ kenniesa fil-ħinijiet ta filgħaxija kull Nhar ta' Ħamis u Ġimgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fil-memordandum of understanding hemm miktub li ser iduru t-toroq l-aktar milqutin mill-kostruzzjoni fejn fiz-zmien is-sajf ser jieqfu jeskavaw u jibnu u għalhekk ikun tajjeb li dawn it-toroq tingħatalhom ħasla.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi dan f'ċerti toroq għaliex hemm toroq oħra li kemm l-iskavar u l-bini ser jibqa għaddej.

Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li jkellem lis-Sur Farrell ħalli jmur idur dawn it-toroq.

**38.2.2.2** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu Nru 37.2.2.4 qal illi rigward il-parkeġġ tal-iskola saret laqgħa mal-prinċipal ta' l-iskola u bħalissa wasal fi stadju li qed jiġi mħejji l-MOU fejn dan ser jiġi mibgħut lill-Kunsill u wara li jiġi diskuss isir l-iffirmar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien hemm problema fuq l-insurance għaliex bħala Kunsill għandu jkollna assigurazzjoni illi tkopri d-danni li jistgħu jsiru fil-parkeġġ tal-iskola kif ukoll fuq vetturi li jkunu pparkjati fih u għalhekk għadna qed niddiskutu magħhom, is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-parkeġġ huwa tal-iskola fil-ħinijiet li ser juzzawh huma fil-ħinijiet bejn 4:00pm u 6:00am dan ser ikun pubbliku. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jifhem li ser ikun hemm intoppi u għalhekk ikkomunika mal-LESA sabiex jofru is-servizz tat-tow truck pero ma qablux minħabba li ma jidħlux fi propjeta privata u għalhekk kellem persuna oħra li ser tkun qed taqdina hi. Kompla jgħid li allaħres ikollna bzonn is-servizz ta' kuljum pero dan narawh maz-zmien.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk hux qed nistennew feedback mill-iskola.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qed nistennew draft tal-MOU min naħa tal-Education.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jixtieq li jagħmel suġġeriment fejn kull individu li jidħol jipparkja bil-karozza tiegħu f'dan il-parkeġġ għandu jħalli in-numru tal-kuntatt tiegħu fejn jidher fil-vettur biex b'hekk f'kaz li jkun hemm bzonn tikkuntatjat lill-persuna tkun aktar faċli.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jafx kemm dan hu possibli minħabba id-Data Protection Act.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi min mhux komdu jgħamel dan dejjem għandu l-għazla li ma juzax dan il-parkeġġ.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jħossx li hemm bzonn għaliex il-Pulizija għandhom il-kuntatt ta' kulħadd.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm problema illi fil-ħinijiet li jidħlu l-edukaturi u li jridu jitneħħew il-vetturi tar-residenti l-Kunsill ikun għadu magħluq għaliex il-Kunsill jinfetaħ fis-7:30am u għalhekk jekk jipprovaw iċemplu biex jirrapurtaw magħna sabiex nibgħatu lit-tow truck mhux ser isibu min jassistihom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ma jsibx problema li jikkuntattjaw lilu.

**38.2.2.2** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 37.2.2.6 rigward il-van tal-eletriku li ser ikollu l-Kunsill sabiex jintuza għal anzjani fil-Lokal. Hu qal illi kellu fil-prezenza tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, laqgħa mas-Sur Claudio Zammit u s-Sinjura Charlene Borg li huma ic-CEO tas-Saint Thomas Community Living u tkellem magħhom fit-tul u kien hemm qbil li l-van jiġi misluf lilhom biex juzawh huma pero għar residenti kollha u mhux dawk biss tal-*home.* Kompla jgħid illi ma kienx hemm qbil li joħorġu barra mil-Lokal ħlief biex iġibu xi pilloli mill-klinika ta' Raħal Ġdid jew mill-isptar ġdid li ser ikun hemm flok il-klinika aktar il-quddiem. Kien hemm qbil illi min naħa tagħhom ser iġibu ħaddiem li ser ikun qed isuq u jieħu ħsieb l-istess van u jwassal lil dawn l-anzjani għal qadi tagħhom. Appuntamenti jittieħdu mir-reception tal-home u jorganizzaw il-ġranet huma. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi il-Ġimgħa 1 ta' Lulju ser issir laqgħa fil-home mal-Grupp Active Ageing u min irid jista jattendi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa hux ser joħorġu mil-lokal biss għall pilloli.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ikkonferma li kien dak li ftehmu u kompla jgħid illi spejjez ta' fuel mhux ser ikun hemm minħabba li dan il-van jaħdem bl-eletriku u tajjeb li ninfurmaw lill Ministeru tal-enerġija meta bdew jistaqsu lill Kunsill fejn l-aħjar li jsiru charging pillars ħalli ninfurmawhom illi hemm bzonn li tizdied oħra ħdejn il-home. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill ser ikun qed iħallas għal wear and tear ta' dan il-vann.

**38.2.3** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 37.2.2.13 qal illi kellem lill-Perit u irrizulta illi l-arblu illi ser nixtru mill-Għaqda Muzikali Sant Anna ma jistgħax jitpoġġa fuq il-bejt dan minħabba li jridu jitħaffer l-art u għalhekk ġie deċis li jitpoġġa fejn il-lapida li kienet saret meta ġie inawgurat il-ġnien.

**38.2.4** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja paġna 5 artiklu 37.3.3 informa lill Kunsill illi il-biljetti tal-ajru telgħu ħarira fil-prezz u nforma lill Kunsill illi hemm 5 min nies li huma Non delegates li qed iħallsu huma għal biljetti u l-akkomodazzjoni fejn anke din għoliet xi ftit u ser intellaw delegazzjoni ta għaxar min nies.

**38.2.5** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 37.3.4 fejn qal illi l-izjara tal Ministru Onor Owen Bonnici kienet tajba ħafna fejn anke tkellemu fuq l-istruttura tal-fortizza ta` zmien il-gwerra li tinsab ġewwa Triq Apap Bologna u fuq ir-ridott tal-Franċis fir-ramla ta San Tumas u anke f'dawn il-ftit ġranet li għaddew mil-laqgħa kien hemm follow up tajjeb min naħa tal-Ministeru. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi stieden lill Ministru għal Jum Marsaskala fejn ser isir ukoll il-ftuħ uffiċjali tal-Ufficju tal-Kunsill u għandu l-pjaċir li jattendi. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa tal-Ministeru ser jgħinu ukoll biex issir din l-attivita' peress li il-Kunsill Reġjonali kien ser jagħtina is-somma ta` €1200 u issa sirna nafu illi dan ma jistax isir għal din l-attivita' partikulari izda nistgħu nagħmlu uzu minn dawn l-attivitajjiet fil-Ġimgħa l-kbira 2023.

**38.2.6** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 37.3.6 rigward l-istruttura tal-injam tar-restaurant Ta` Ninu fi Triq is Salini u tkellem anke mas Sur John B Camilleri biex ukoll titranġa l-pozizzjoni tal-belishia light.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm spiza minima li tiswa mal €500.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din kienet hemm diġa, iġifiri kella tkun fuq il-kurduna min qabel u għalhekk ma jħossx li għandu jkun il propjetarju li jħallas l-ispiza pero iħalli f'idejn il-Kunsill sabiex tittieħed deċizjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-belishia light kienet fejn suppost bid-dimenzjonijiet stabbiliti mill-Enemalta u l-mod kif ġiet aġġustata l-bankina ġiet fl-encrochement li għamel hu.

Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kif ġiet aġustata l -bankina u għalhekk mhux l-istruttura.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed jistenna l-Go ahead biex kif naqblu jibda ix- xogħol għaliex il w-o diġa ħarġet.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li ix-xogħol għandu jibda illum qabel għada.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemmhekk kien hemm build out u l-pole kienet fil-construction build out fil-kantuniera bħal kull post ieħor u kienet imwaħħla kif suppost u qal illi hu mhux jgħid li s-sid għandu jgħamila hu pero l-pole ma kienx imwaħħal ħazin.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi jekk hu għandu jew ser ikollu l-permess regolarizzat jekk l-istruttura ser tkun skond il-permess u l-belishia light mhux taqdi il-funzjoni tagħha u qed tfixxkel b'xi mod din trid tiċċaqlaq u kull min ser ikollu tinda bil-permess u ser ikun hemm xi bozza jew belishia light li tkun qed tostakola dawn ser jirrikoru għal Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta kelna kaz ieħor fi Triq is-Salini ma konnix tlabna lis-sid iħallas.

Kien hemm qbil illi l-Kunsill iħallas il-kont finali.

**38.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 37.2.2.8 fejn hu stess prova jċempel lill Kunsill diversi drabvi u qatt ma qabad u is-sistema definitivament mhijiex taħdem u wara ħames xhur mhux aċċettabli li mhijiex taħdem.

Is-Segretarju Ezekeuttiv is-Sur Josef Grech qal illi t-telefon jaħdem pero hemm problema bil-linja u propju llum stess kien hemm rapprezentanti kemm tal-GO kif ukoll tal-COMSEC sabiex jaħdmu fuq is-sistema l-ġdida pero waħda mill-problemi hija li madwarna ma hemmx aktar binjiet allura s-servizzi kemm tal-Go jew Melita qatt ma kien hawn il-ħtieġa li jgħaddu bil-cables tagħhom u apparti li f'Marsaskala hawn ħafna mill-partijiet mhux upgraded pero min naha tagħna fl-aħħar ġiet installata u suppost għandha tissolva l- problema pero jista jgħid illi l-persuna li tieħu it-telefonati fir-reception dejjem tkun fuq il-linja telefons dejjem tkun fuq il linja bla waqfien. Il-problema li hemm hija li mhux ser ikun hemm *call waiting* fuq dik ilinja tal-*bulky refuse*.

Is-Sindku qal illi l-aktar ħaġa li jgergru għaliha in-nies hija dik li taqa l-linja wara li tkun ilek tistenna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kemm tal-Go kif ukoll tal-Melita imisshom jafu li fl-area tagħna ser ikun hemm għassa tal-Pulizija ġdida apparti l-Kunsill u għalhekk hemm bzonn li jkun hemm is servizzi tagħhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għada jkun jaf jekk is-sistema hijiex taħdem sew peress li kienu ħadmu fuqha propju illum.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa ukoll meta ser jitwaħħal il-lift għaliex din hi problema li qser tafettwalna id-dawl li ma nistgħux napplikaw għalieh għaliex mgħaniex compliance.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi il-lift għadna qed nistennewh u fil frattemp qed naħdmu flimkien mall-Bava biex ikolna it-three phase temprary metre biex b'hekk inkunu nistgħu nuzaw l-airconditioners. Hu kompla jgħid illi l-ebda pagament mhu ser isir lill BAVA qabel jitlesta il-lift.

**38.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 37.3.5 u qal illi ma setgħax jattendi għal laqgħa li saret mas-Sinjura Alecia Buġeja Said.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi attendiet il-Viċi Sindku u l-aktar li tkellmu kien fuq il-vouchers tal-ikel tal-qtates kif ukoll tal-vet.

Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ħierġa National Neutering Campaign.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi jixtieq isaqsi peres illi ma setgħax jattendi u peresli nafu li s-Sinjura Alecia kienet tagħmel parti mill-Fisheries peress illi wasal is-sajf u ta' kull sena jkollna il-problema tal-islime fil-baħar biex nilħqu nanticipaw din il-problema biex mhux jerġgħa jasal Awwissu u nerġgħaw naffaċċjaw l-istess problema ta' kull sena u staqsa jekk tkellmux magħha fuq din il-problema.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi saru xi meetings mall Federazzjoni u qed jittieħdu mizuri biex ma jidħolx dan l-*islime*.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi isemmew ukoll li ser isiru outlets tal-ilma fuq il-moll li huma importanti ħafna għal dawk li juzaw id-dgħajjes.

**38.2.9** Il-kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 8 artiklu 37.3.12 jekk kienx hemm xi update fuq it-traffic management li konna saqsejna għalih aħna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Perit tagħhom kien kemxejn urtat meta saqsejna għaliex qal illi kienet xi ħaġa ovja li jieħdu ħsieb it-traffic management.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din waslet biex tiftaħ.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu infurmat illi ser isiru arranġamenti speċjalment għal dawk li jkunu ħierġin min Marsaskala biex ikunu jistgħu jidħlu fil-pompa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din hi risposta li ta l-Perit tagħhom u mhux min TM.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Perit tagħhom iddiskuta ma TM qabel, hu qal illi wara l-laqgħa li kellna bagħtna lil Perit tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi sa issa ma ra li hemm l-ebda pjanta jew tabella.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi min naħa tiegħu staqsa biex ikollu l-pjanta pero sa issa ma rċieva xejn u għalhekk ser jibgħat reminder.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq il-laqgħa li kella issir fl-1 ta' Ġunju 2022 rigward l-appell għal estensjoni tal-pompa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Avukat difensur tal-kuntrattur argument illi la darba l-Kunsill ma kienx daqshekk parteċipi waqt il-proċess tal-EPRT għandu jaqa l-appell tiegħu pero jidher li l-imħallef ma aċċettax u talab rendikont kif l-Awtorita tal-ippjanar ideċidiet li tirrifjuta t-tieni estensjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-laqgħa li jmiss ser tkun f'Lulju u aktar il-quddiem ser jinforma lil Kunsill bi data tas-smiegħ għaliex min irid jista jattendi pero ħadd ma jista jitkellem.

**38.3** <u>**Komunikazzjoni mis-Sindku:**</u>

**38.3.1** <u>**Kiosk Festa:**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-festa reġgħet waslet u kif dejjem għamilna fi snin preċedenti hu li ngħatu permessi għal dawk interessati li jarmaw l-kiosk tagħhom dawn il-postijiet jibqgħu dejjem l-istess minn sena għal sena pero jekk persuna tiddeċiedi li ma tarmax sena minnhom allura hemmhekk jintilef posta għas-sena ta wara.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li jixtieq jinforma lill Kunsilliera illi l-arbli tal-fibre li kellhom isiru fil-korsija tal-ġnien minflok tminja jitilaw għal għaxra għaliex b'hekk is-simetrija tidher ħafna isbaħ u xtaq jara jekk il-Kunsilliera isibux oġġezzjoni.

- **<u>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-19:03</u>**

Kien hemm qbil li jsiru għaxar arbli.

**38.3.2 <u>Marsaskala Local Council flagpole (35/2321/22/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi diġa tkellem fuq dan il-punt fejn informa lill Kunsill illi l-bandiera ser titpoġġa fejn il-lapida ta' ftuħ tal-ġnien

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb li is-Sindku jitkellem mall-Perit ħalli jsiru l-arranġamenti neċessarji.

Is-Sindku qal illi x-xogħol qed isir min naħa tal-Għaqda Sant Anna pero peres illi l-arblu hu tal-injam jixtieq li la darba jirritorna għax-xogħol il-ħaddied tal-Kunsill ikun jista jagħmillu bazi tal-ħadid.

**38.3.3 <u>Installation of charging pillars in your locality (35/2300/22/I):</u>**

Is-Segrertarju Ezekuttiv qal li dan il-punt ser nerġgħu niddiskutuh aktar tard fejn id-dokumenti qegħdin spjegati aħjar.

**38.3.4 <u>Laqgħa mall-Kunsill Lokali Marsaskala u L-Onor Ray Abela( 35/2367/22/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jistgħa jiġi nofs siegħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill jew inkella nitolbuh dati li hu disponibli fihom.

Is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk il-Ħamis għandhomx laqgħa mall-kazin tal-banda.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ikkonferma.

Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-Kunsill talab dati tentattivi min naħa tal-Onor Ray Abela pero` għadu ma rċiviex risposta.

**38.3.5 <u>Minuti proposta ta' konnessjoni alternattiva bejn Triq Sant'Antnin u Triq San Ġwakkin:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hija parti mil-laqgħa li kellhom mall-Perit William Lewis fejn kienet deċiza fl-aħħar laqgħa li ngħamlu laqgħa miegħu wara li sar dak il-proġett ta' proposti alternattivi ta konnessjoni ta toroq f'Marsaskala fejn fl-ewwel parti kienet li jistabilixxu it-traffic counts biex jiddeterminaw jekk tistax issir konnessjoni oħra min Triq Sant Antnin għal ximkien ieħor fil-qalba ta' Marsaskala u kien hemm erba proposti.

l-ewwel proposta hi li tgħaddi mill-Bidni u taqsam min Triq is-Salvja u tgħaddi sa Triq San Ġwakkin u t-triq issir one way jew anke two way li hemmehk tinvolvi spropjazzjoni ta' artijiet.

It-tieni opzjoni kienet li hemm Triq min Bellavista li tista tingħaqad ma Triq Dun Frans Grech pero mbad tkellmu li hemm problema bid-dislivelli u għalhekk tkun trid tgħaddi min triq li mhux skedata u ukoll issir spropjazzjoni ta' dar u it tielet opzjoni kienet spropjazzjoni kbira u tħaddi triq dritta min go l-għelieqi pero kien hemm problema bid-dislivelli u parti minnha tkun tunnel u ir-raba opzjoni kienet li jsir underground tunnel li jibqa għaddejdritt u jevita li jgħddi min taħt ir-residenzi u wara evalwazzjoni tajba l-perit wasal għal konkluzjoni li l-opzjoni l-aktar li tgħamel sens hija lewwel opzjoni u kien qiegħed jirrakomda li peresli daqt tibda l-implimentazjoni tar-riġenerazzjoni tax-Xatt hu issuġerixxa illi għandna ngħaddu din l-informazzjoni kollha lill Ministru ikkonċernat forsi din tkun tista tiġi amalgamata mall-proġett ta riġenerazzjoni tax-Xatt ta Marsaskala kif ukoll issemmiet illi jek it-triq tinfetaħ two way umbad Triq ix-xatt issir pedstrian. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi Triq bisazza tas-Sliema għalkemm saret pedestrian xorta magħluqa bil-bollars biex la darba jkun hemm xi inċident ikunu jistgħu juzawa xorta waħda.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-applikazzjoni ta' bini fi Triq l-Għaġuza, il-Perit tagħna referenza illi din kienet ġa inkluza fi 2006 fir-rationalisation fejn il-pubbliku kien infurmat diġa hu qal illi kienet laqgħa importanti ferm għaliex ħarġu affarijit importanti fejn waħda mill-affarijit li wara ir-rationalisation ħarġet applikazzjoni fejn fiha ġie determinat li jsir zvilupp u ma jaqbisx is 17-il metru u nofs iġifieri 5 +1 u ma jistgħux jieħdu vantaġġ mid-dislivell.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tkellmu ukoll fuq l-esiġenzi fuq l-amont ta ilma illi jinzel u nafu ukoll illi peress illi toroq proposti jistgħu jaqaw taħt *infrastructure malta* għalhekk daħħal kummenti illi l-PA għandha tieħu stimi attwali tal-*market rates* biex kem-il darba dan il-kuntrattur jiġi biex jizviluppa u jagħmel it toroq il ġodda u jsiru anke l-culverts fejn il-culvert irid jibqa nizel sal-baħar u semmejna l-fatt li l-wiesgħa tal-culvert irid ikun aktar wiesgħa milli suppost minħabba li hemm binja oħra li keinet fir-rationalisation li qeda aktar il-fuq għalhekk peress illi l-binja ta dan il-kuntrattur qeda l-isfel mill binja l-oħra l-culvert għandu jakkomoda l-ilma li jinzel anke mill blokka ta fuq u jaqdugħom flimkien hu qal illi ssemma l-fatt li fil-bidu tal-PC application l-izviluppatur ta' dak iz-zmien prova jgħamel nofs l-art fil-parti tiegħu u ma jista ħadd jidħol f'zoni ODZ. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ssemmiet ukoll illi fl-applikazzjoni prezenti ma kienx hemm irrimarkat li ma kienx hemm ħajt tas-sejjieħ u lanqas siġar meta dan mhux minnu biex tiġi inkluza waqt l-vetting tal-applikazzjoni għaliex hemm kemm siġar kif ukoll ħajt tas-sejjieħ. Isemmiet ukoll li l-Kunsill talab li jrid isir *a full environmental impact assesment* illi ġo fiħ jinvolvi *traffic impact statement* dawn l-affarijiet kollha ġew miġbgħura lill PA u jekk hemm xi Kunsillier li jixtieq izid xi ħaġa oħra jista jagħmel dan għaliex il-Kunsill għandu dritt jgħamel aktar representation aktar il-quddiem.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu kien bgħat biex inzidu ukoll li jkun hemm ammont ta substations adekwati peresli l-binja hi ta' ċertu daqs.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi semmiegħa ukoll.

Dr Errol Cutajar staqsa jekk ġiex diskuss il-fatt illi is-semmiet li Triq il-Bajja ser tiġi triq privata.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma iddiskutewiex pero għalhekk iddeċidew li l-Kunsill izomm id-dritt li jitfa l-oġġezzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tiegħu x'ħin irid pero jista jgħid li qalu li jekk hi triq privata jrid jgħamel il-culverts u jgħamel ix-xogħol hu skond li-ispecifications ta' Infrastructure Malta u kemm-il darba hu ser jargumenta li x-xogħol isir min Infrastructure Malta u hu jtella biss il-pedament sal-livell tat-triq il-PA għanda tara dan l-istudju biex tara ezatt kemm hemm flus involuti.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi fuq il PC application iridu naraw jekk din it-triq hux imnnizla bħala privata għaliex fl-impact assesment din taf tkun kruċjali minħabba l-impatt fuq il- parkeġġ fl-inħawi li għalkemm dan ser jipprovdi garaxijiet għar-residenti pero dan ser jiġbed aktar karozzi fit triq u jekk dawn ma jiprovdux bizzejed parkeġġ u jekk tkun privata u ma tkunx aċċessibli għan-nies tal-inħawi Dr Errol qal illi jekk it-triq tkun privata tibqa propjeta privata għax qeda ġo l-ares tal-proġett innifsu.

Is-Sindku staqsa jekk meta qed ngħidu li triq tkun privata jfissirx li r-residenti oħra ma jistgħux jgħaddu min din it-triq.

Dr Errol Cutajar qal illi hu ma jafx jekk il-PC applications nizlitx li it-triq hijiex pubblika jew privata.

Is-Segretarju Ezekuttiv wera l-pjanti u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.

Dr Errol Cutajar qal li jider li Triq il-Bajja mhux ser tibqa sejra dritta izda ser tinfetaħ triq oħra u titwessa Triq l-Għawwiema. Pero ma jidirx li Triq il-Bajja ser issir privata.

38.4 **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

38.5 **<u>Rapporti:</u>**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

38.6 **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

38.7 **<u>Korrispondenza:</u>**

38.7.1 **<u>Tħammil tal-Maqgħluq – waqfien tax-xogħolijiet MTA (35/1993/22/I) (35/1988/22/I):</u>**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur James Gabaretta min-Nature Trust għaliex kellhom proposta li jiskavaw il-Magħluq fl-agħar zminijiet tas-sajf u kien hemm il- ħsieb ukoll li tingħalaq Triq tal-Gardiel u awtomatikament tkelimna u zgur ma konniex ser naċċettaw li ngħalqu dik it-triq fl-għeqqel tas-sajf u tfixxkel il-ħwienet milli jaqilaw lira fi zmienijiet tas-sajf. Hu qal illi sar qbil li biex ma tingħalaqx it-triq ix-xogħol jibda xorta u titkisser il-bankina ezistenti minħabba li dement li ser titkisser il-bankina u jitneħħa l-fence ikunu jistgħu jaħdmu mingħajr ma jagħlqu it-triq apparti din il-bankina imbagħad ser issir mill-ġdid minn naħa ta' Nature Trust. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien hemm bzonn urgenti li jsiru l-permessi u jirringrazzja lil TM li ħarġu l permessi malajr u b'hekk ser isir id-dredging tal-Magħluq. Il-kunsill ser ikollu bankina ġdida u t-triq mhux ser tingħalaq, is-Sindku qal illi ix xogħol għandu jdum xi erba ġimgħat.

Is-Sindku qal illi min-naħa ta' Nature trust qed jipprovaw jaqbdu ħafna buzaqq biex kif jitlesta x-xogħol jerġgħu jintefaw fl-ilma.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li qed jieħu gost li nstabet soluzzjoni għaliex tajjeb li dan ix xogħol jibda illum qabel għada.

**38.7.2 <u>Proposal Summer IKIDS C3 sajf 2022 updated May 2022 (35/2163/22/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien hemm zball fil-prezz pero nafu li kollox għola u ma għaniex għalfejn insbu oġġezzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-prezz ta' dan il-kors huwa bejn €2100-€2500 .

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri saqsa fejn ħa jsiru dawn il-korsijiet.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li ser isir it-training centre bħas-snin preċedenti u l-komputers għadhom installati bħal ma kienu.

**38.7.3 <u>PA/02580/21 Kiosk fil-Bajja ta' San Tumas Marsaskala Appell Nru 00133/22:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm appell ta' kiosk fil-Bajja ta' San Tumas u l-Kunsill huwa obligat li jinforma lill-Pubbliku.

**38.7.4 <u>Installation of charging pillars in your locality in 2022 (35/2265/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-korrispondenza huma qed jgħidulna li saru site visits fil lokal u qed jgħamlu l-proposti tagħhom fejn għandhom isiru fi Triq is-Salvja, Triq il-Buttar, Triq il-Friefet,Triq iz-Zonqor,Triq il-Gardiel near suncity.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm waħda proposta fi Triq l-Għaġuza fejn f'din it-triq ser isir l-izvilupp li għadna kif tkellimna fuqu u zgur li ser titkisser bix-xogħolijiet ta kostruzzjoni għalhekk minflok jaħseb li aħjar issir waħda ħdejn l-bandli fi Triq iz Zonqor.

Is-Sindku qal illi f'din l-area konna ħa ngħamlu magna fejn titfa fiha fliexken tal-plastik u tieħu l-flus tagħhom pero id-dimenzjonijiet ta din il-magna huma erba metri b'erba metri u issa ser jitpoġġew ħdejn il-BIS f'San Tumas fuq ic-centre strip u l-oħra ser issir ħdejn il-Public convetnience ħdejn il-pixxina.

Kien hemm qbil li nibgħatu lis-Sinjura Cassar biex ma issirx ic-charging pillar fi triq l-Għaguza u minflok issir faċċata tal-post propost jew ħdejn il-bandli fiz-Zonqor.

**38.7.5 <u>PA777/22 Site at Zonqor, Triq l-Għaġuza ma Triq l-Għawwiema (35/2275/22/O):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din hija l-ittra li bgħat hu lill PA bil-kummenti li iddiskutejna diġa.

**38.7.6 <u>Parkeġġ tal-iskola (35/2279/22/I) (35/2286/22/I) u minuti:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan il-punt ġie diskuss diġa.

**38.7.7 <u>Investigation of proposals for an Alternative Connection between Triq Sant'Antnin and Triq San Ġwakkin (35/2240/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan il-punt ġie diskuss diġa.

**38.7.8 <u>Biex tinħareġ sejħa għal part timer telephone operator taħt skala 16:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan is-suġġett ġie diskuss diġa fil-laqgħa preċedenti izda id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ġibdu l-attenzjoni li dan għandu jkun imnizzel bħala agenda item u għalhekk qed jerġgħa jgħaddih f'din il-laqgħa għaliex din ser tinħareġ mill-iskema tac CIES u titħallas mill-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal ix-xogħolijiet li saru li avviċinatu persuna ta petizzjoni ta 15-il ruħ li Triq il-Buttar kif iddur mat-terminus għal Triq Lorry Sant u aċċettaw li issir traffic calmer u dan minħabba li kienu qed jittajru ħafna qtates u ma jaħsibx li nsibu oġġezzjoni li ssir din it-traffic calmer zgħira.

  Sar qbil li ninfurmaw il-TM dwarha.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fi Ġnien Sant Anna sar il-fencing.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li il-Kunsill ingħata donazzjoni min naħa tal-kuntratturi tal-pompa ta' siġar taz-zebbuġ li twaħħlu in naħa ta San Tumas u min naħa tal-GAL Xlokk tawna 10 zebbuġiet u ħawwilnijom fi Ġnien Sant Anna.

  Is-Sindku qal illi l-Kunsill ingħata siġra sabiħa mingħand koppja bħala tifkira tal-kelb tagħhom li ħalliena u xtaqu li jħallu rikorju tiegħu permezz ta' din is-siġra li ġie imħawla quddiem il-Kunsill u apparti min hekk tawna 8 zebbuġiet oħra.

  Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose qalet illi tajjeb li ngħamlu tabelli biex ma jintuzax ballun gol-ġnien għaliex qed ikun hemm ħsara fuq l-arbli tad-dawl.

  Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qed ngħamlu t-tabelli apposta.

  Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ma taqbilx li nikonstritwixxu lit-tfal milli juzaw il-ballun.

  Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fil-bidu prova jsib soluzzjoni li ngħamlu proitezzjoni għal dawn id-dwal pero ma hemmx.

  Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi mhux ser li ħa ineħħulhom l-aċċess.

  Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose qalet illi hemm diversi postijiet oħra fejn jistgħu juzaw il-ballun.

  Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal il-quddiem kif titlaq l-għassa tal-Pulizija hemm ħsieb li ngħamlu xi bandli zgħir, għaliex aħna m'aħniex ngħidu biex ma jiġux jilgħabu izda mhux bil-ballun.

  Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ġieli jpoġġu fuqhom dawn l-arbli.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-board room tal-Kunsill ser tkun qed tospita lis-Surġent u erba kuntistabbli tal-Pulizija sabiex ikunu attenti għal ċertu vandalizzmu li jkun hemm fil-madwar.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew għal Tourism Forum li kienet xi ħaga nazzjonali kif għandna niġbdu t turizmu lejna speċjalment min għandu xi stabbiliment u kien importanti ħafna.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mal ambaxxatur Ċiniz fejn tkellmu fuq il-ġnien tax-xitel ċiniz u semma ukoll il-Ġemellaġġ li ser isir magħhom u kienet laqgħa importanti ħafna.

**38.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-*petty cash* ta' Mejju 2022

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**38.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

**38.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (101 – 9/6/22):</u>**

*"Kif kull Kunsillier jaf diga, fi Triq il-Qaliet ta spiss ikun hemm inċidenti ħabba sewqan eċċessiv. Ħafna residenti jinsabu inkwitati ħabba dawn l-inċidenti kif ukoll storbju bla bzonn lejl u nar. Għal dan il-għan qed nipproponi għal darb'oħra sabiex issir xi mizura ippjanata sabiex jitnaqqas dan l-abbuz. Mizura li ħalliet impat tajjeb u tistgħa ssir bi ftit bollards fejn Zebra cross u ħdejn Villa Sant'Anna u postijiet oħra. Zgur mhu kif kienu diġa għamlu TM u imlew it-triq kollha. Ezempju ara ritratt fi triq simili ġewwa Zejtun.''*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi inċidenti qed ikun hemm ħafna u mhux ser li r-residenti qed jgħaddu min dan kollu u hemmhekk xi ftit zmien ilu kienet sara kollha bollards u wara ħafna Kritika inqalaw kollha.

Is-Sindku qal illi TM kellhom jagħmlu it-tabelli għaliex din it-triq saret ġdida pero kulħadd jaf kemm qlajna fuq rasna meta għamilna il-bollards, hu qal illi kull fejn jara bollards jidru koroħ maħmuġin u mkissrin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu mhux jgħid li jgħamel triq sħiħa.

Is-Sindku qal illi anke jek ikun hemm ħabta jkollok taqsam fit-triq l-oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm ħafna marki ma l-art li ma sarux.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-ħaddiem tal-Kunsill ilu xahar għaddej biz-zeba.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm affarijiet neqsin.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għandna niktbu l-TM u mhux isiru bollards.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi l-kritika ma iddejqux u jibza wisq li ħabba l-kritika jispiċċa li ma jsirux u jweġgħa xi ħadd u għalkemm il-bollards mhijiex l-aktar soluzzjoni perfetta ma jafx x'naqbdu ngħamlu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk almenu jistgħax ikollna pulizija jew wardens hemmhekk biex iħarku lil min ikun qed isuq b'mod irresponsabili.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser ikun hemm community policing u hu ċert li ser jgħamlu differenza kbira anke tkellem mal-Ispettur Cremona u aċċertah dwar dan u għalhekk ser intuwhom spazzju fis-sala tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi għandhom juzaw il-container li hemm għaliex qed tkun dejjem vojta.

Kien hemm qbil li nitkellmu ma TM fuq soluzzjoni għal Triq il-Qaliet.

38.9.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (102 – 9/6/22):</u>**

*''Bosta xhur ilu kont ressaqt pettizjoni iffirmata min xi 500 ruħ u iktar għal titjib fir-rotta ta' Zonqor. Meta l-Kunsill Lokali ltaqgħa mad-diriġenti tat-Trasport Pubbliku, dawn qalu ħa jistudjaw il-possibilita' li jtejbu is-servizz billi jintroduċu xi tip ta transport intern għal Marsaskala. Peress li baqgħa ma sar xejn nipproponi li għal inqas ituna risposta u jekk hu se jittieħdu passi għal dawn in-nuqqasijiet. Jekk ħa titieħed azzjoni min meta ħa jigu fis-seħħ kif ukoll x'ħa jagħmlu ?''*

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-servizz tal-buses min naħa tal-Belt qed jgħaddi mill-bypass l-antika u jinzel Triq Sant Anna, La Sengle u Zonqor dawk in-nies biss li jinzlu fil-bus stop l-antika mhumiex jinqdew pero min Marsaskala għal belt ma waqaf xejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi bqajna bla feedback mill-aħħar laqgħa li kellna ma TM fejn qalulna li ser jiprovaw isibu soluzzjoni.

Kien hemm qbil illi nibgħatu reminder lil TM.

38.9.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (103 – 9/6/22):</u>**

"Jipproponi li jiġu irranġati s-slilen tal-baħar u l-aċċess in-naħa tal-pitch tal-waterpolo kif ukoll peres li hemm railing imqaċċat bejn il-pitch u n-nizla ta ħdejn il-kabina tal-pulizija fi Triq iz-Zonqor.''

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien stainless steel u issa ser jinqala u jitwaħħal ieħor kif suppost.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemmhekk jintuza mill-anzjani u tajjeb ikun magħmul sew.

Kien hemm qbil unanimu.

38.9.4 **<u>Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (104 – 20/6/22):</u>**

''Jipproponi li jitwaħlu żewġ bins tal-klieb fil-Bidni''.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb naraw li ma jkunux viċin postijiet residenzjali

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ser jibgħat is-siteplan ta' fejn jistgħu jitwaħħlu.

38.9.5 **<u>Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (105 – 20/6/22):</u>**

''Jipproponi sabiex wara li l-kunsill għamel ħafna partijiet bit-tarmak, dawn spiċċaw imkissra u xogħol mhux komplut u abbandunat u tħalla ħafna materjal imxerred ma kulimkien mill kuntrattur mill WSC, jitlob lil kunsill ma jaħliex iktar żmien u nitolbu rimedju u laqgħa mal Ministru kkonċernat malajr kemm jistgħa jkun.''

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu jkun hemm sejħa ġdida u għalhekk tajjeb li nibgħatu reminder.

38.9.6 **<u>Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (106 – 20/6/22):</u>**

"Jipproponi sabiex li wara li saru ħafna inċidenti fi Triq il-Qaliet nitolbu lill TM jinstallaw ftit *bollards* bħal ma saru f'ħafna toroq oħrajn. Mhux it-triq kollha iżda partijiet minnha. Dan sabiex ma jibqax issir sewqan aċċessiv.''

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

38.9.7 **<u>Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (107 – 21/6/22):</u>**

"Tipproponi sabiex isir *traffic management* f'Bellavista.''

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi darba hu għamel proposta fuqha u l-Kunsill ma kienx qabel miegħu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb ngħamlu management tajjeb li jkun uffiċjali.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja kien talab ir-residenti biex jgħamlu petizzjoni.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi meta għamlu traffic management diġa ma konniex tlabna għal petizzjoni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jaqbel magħha pero tajjeb li r-residenti isemmgħu leħinhom.

38.10 **<u>Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 21 ta' Ġunju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |